

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1020/2012

tas-6 ta' Novembru 2012

li jadotta l-pjan li jalloka riżorsi lill-Istati Membri li għandhom jitħallsu mis-sena baġitarja 2013 għall-provvista tal-ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni Ewropea u li jidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 807/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari il-punti (f) u (g) tal-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agromonetarji għall-euro ⁽²⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 121/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ stabbilixxa skema fejn il-prodotti tal-ikel jistgħu jitqassmu lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni. Għal dik il-fini, jistgħu jkunu disponibbli l-prodotti fil-ħażniet tal-intervent jew, meta ħażniet tal-intervent adattati għall-iskema tat-tqassim tal-ikel ma jkunux disponibbli, il-prodotti tal-ikel jistgħu jinxtraw mis-suq.
- (2) Għall-2013, dik l-iskema hija inklużi fil-lista ta' miżuri eleġibbli għall-finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni ⁽⁴⁾, flimkien annwali ta' EUR 500 miljun.
- (3) Skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-Kummissjoni għandha tadotta pjan annwali.
- (4) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2010 tal-14 ta' Settembru 2010 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-provvista ta' ikel mill-ħażniet ta' intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni ⁽⁵⁾, dak il-pjan għandu jistabbilixxi, b'mod partikolari, għal kull Stat Membru li japplika l-miżura, ir-riżorsi finanzjarji massimi disponibbli sabiex iwettaq il-parti tiegħu tal-pjan, u l-kwantità ta' kull tip ta' prodott li għandha tittieħed mill-ħażniet miżmuma mill-aġenziji tal-intervent.
- (5) L-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fil-pjan ta' tqassim għas-sena baġitarja 2013 ipprovdew lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010.
- (6) Għall-finijiet tal-allokazzjoni tar-riżorsi, għandhom jiġu kkunsidrati l-aħjar stimuli tal-għadd ta' persuni l-aktar fil-bżonn fl-Istati Membri kkonċernati u sa liema punt l-Istati Membri utillizzaw ir-riżorsi allokati lilhom fis-sinjuri preċedenti.
- (7) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 jistipula t-trasferiment bejn l-Istati Membri ta' prodotti li mhumiex disponibbli fil-ħażniet tal-intervent tal-Istat Membru fejn prodotti bħal dawn huma meħtieġa biex jiġi implimentat il-pjan ta' tqassim annwali. Għalhekk, għandhom jiġu awtorizzati t-trasferimenti fi ħdan l-Unjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak il-pjan għall-2013, suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010.
- (8) Sabiex jiġi infurzat il-limitu baġitarju annwali, meta jkun rilevanti, l-ispejjeż tat-trasferiment fi ħdan l-Unjoni għandhom jiġu inklużi fl-allokazzjoni finanzjarja totali disponibbli għal kull Stat Membru biex jiġi implimentat il-pjan ta' tqassim tal-2013. Barra minn hekk, għandhom jiġu aġġustati l-iskadenzi ffixxati mill-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 fir-rigward tat-tlestija ta' operazzjonijiet ta' ħlas għall-prodotti mmobilizzati fis-suq, it-talbiet għall-ħlas u l-esekuzzjoni tal-ħlas mill-awtoritajiet kompetenti, sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi allokati fil-pjan ta' tqassim tal-2013 jkunu eleġibbli biss għall-appoġġ tal-Unjoni jekk dak il-ħlas ikun sar fis-sena baġitarja 2013.
- (9) L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 jistipula li l-perjodu ta' implimentazzjoni tal-pjan jispiċċa fil-31 ta' Diċembru. Biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw bis-sħiħ il-perjodu ta' implimentazzjoni filwaqt li jirrispettaw l-iskadenzi relatati mal-ħlas, huwa meħtieġ li jkun permess l-għoti ta' ħlas bil-quddiem għat-trasport tal-prodotti lejn l-imħażen tal-organizzazzjonijiet karitatevoli u għall-ispejjeż tat-trasport, dawk amministrattivi u tal-ħżin imġarrbin mill-organizzazzjonijiet karitatevoli magħżula biex iqassmu l-prodotti. Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti u effikaċi tal-pjan annwali, għandha tingħata l-istess possibbiltà għall-provvista tal-prodotti fkażijiet debitament ġustifikati. Għall-istess raġuni, l-użu ta' ħlas bil-quddiem għandu jkun limitat. Barra minn hekk, għandu jiġi stabbilit kif u meta tkun meħtieġa garanzija.
- (10) Billi titqies in-natura bla profitti tal-organizzazzjonijiet magħżula msemmija fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 44, 16.2.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 242, 15.9.2010, p. 9.

Membri għandhom jiġu awtorizzati li jippermettu strumenti alternattivi ta' garanzija meta jsir ħlas bil-quddiem lil dawk l-organizzazzjonijiet għall-ispejjeż amministrattivi, tat-trasport u tal-ħżin tagħhom.

- (11) Għall-finijiet ta' kontabilità, l-Istati Membri għandhom jiġu mitluba jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'ċertu informazzjoni marbuta mal-ħlas bil-quddiem.
- (12) Minħabba l-qagħda attwali tas-suq fis-settur taċ-ċereali, li huwa kkaratterizzat minn livelli għoljin ta' prezzijiet tas-suq, huwa xieraq, sabiex l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu żgurati, li tiżdied is-sigurtà finanzjarja, li għandha tkun irreġistrata mill-kuntrattur li jieħu l-impenn li jwettaq l-operazzjoni tal-provvista taċ-ċereali kif stipulat fl-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010.
- (13) Għall-implementazzjoni tal-pjan ta' tqassim annwali, l-avveniment operattiv fil-qofol tat-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 għandu jkun id-data li fiha tibda s-sena finanzjarja għall-amministrazzjoni tal-ħażniet fil-ħażna pubblika.
- (14) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, il-Kummissjoni talbet il-parir tal-organizzazzjonijiet ewlenin li huma familjari mal-problemi tal-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni meta kienet qed tħejji dan il-pjan ta' tqassim annwali.
- (15) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-2013, it-tqassim tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu jiġi implimentat skont il-pjan ta' tqassim annwali stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-pjan tal-2013 jistgħu jintużaw mill-Istati Membri fil-limiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Anness I.

Il-kwantitajiet għal kull tip ta' prodott li għandhom jiġu rtirati mill-ħażniet tal-intervent huma stabbiliti fil-punt (b) tal-Anness I.

L-allokazzjonijiet indikattivi għall-Istati Membri għax-xiri tal-prodotti tal-ikel fis-suq tal-Unjoni huma stabbiliti fil-punt (c) tal-Anness I.

Artikolu 2

It-trasferiment fi ħdan l-Unjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament għandu jiġi awtorizzat, suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010. L-allokazzjonijiet indikattivi lill-Istati Membri għar-rimborż tal-ispejjeż tat-trasferimenti fi ħdan l-Unjoni, kif meħtieġ skont il-pjan ta' tqassim annwali imsemmi fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, huma stabbiliti fil-punt (d) tal-Anness I.

Artikolu 3

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, għall-pjan ta' tqassim tal-2013, l-operazzjonijiet ta' ħlas għall-prodotti li għandhom jiġu forniti mill-operatur, fil-każ ta' prodotti li għandhom jiġu mobilizzati fis-suq skont l-Artikolu 2(3)(a)(iii) u (iv) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, għandhom jitwettqu qabel il-15 ta' Ottubru 2013.

Artikolu 4

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, għall-pjan ta' tqassim tal-2013, għandhom jitressqu talbiet għall-ħlas lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru sat-30 ta' Settembru 2013. Ħlief f'każi ta' *force majeure*, ma jiġux aċċettati talbiet li jitressqu wara dik id-data.

In-nefqa, fil-limitu stabbilit fil-punt (a) tal-Anness I, għandha tkun eleġibbli għall-finanzjament mill-Unjoni biss jekk din tkun tħallset mill-Istat Membru lill-benefiċjarju sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru 2013.

Artikolu 5

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' tqassim annwali msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, l-operaturi magħżula skont l-Artikolu 4(4) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 u l-organizzazzjonijiet magħżula msemmi fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jistgħu jressqu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat applikazzjoni għal ħlas bil-quddiem relatat mal-ispejjeż tat-trasport tal-prodotti lejn l-imħażen tal-organizzazzjonijiet magħżula msemmi fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 27(7) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-ispejjeż amministrattivi, tat-trasport u tal-ħżin imsemmi fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu ta' dak l-Artikolu. F'każijiet debitament iġġustifikati l-Istat Membri jista' jipprovi wkoll ħlas bil-quddiem relatat mal-ispejjeż tal-provvista tal-prodotti lill-operaturi magħżula skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 sakemm, l-Istat Membru kkonċernat jkun sodisfatt li dawk l-operaturi jkunu wrew li qabel il-15 ta' Ottubru 2013:

- (a) ikunu ħadu l-impenji legalment vinkolanti biex jimplimentaw l-operazzjoni; u
- (b) ikunu ħadu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-implimentazzjoni titlesta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013.

2. L-awtorità kompetenti tista' tagħti ħlas bil-quddiem sa 100 % tal-ammont li jkun sar applikazzjoni għalih, suġġett għall-istabbiliment ta' garanzija ekwivalenti għal 110 % tal-ħlas bil-quddiem imsemmi fil-paragrafu 1. Fil-każ ta' operaturi magħżula skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, il-garanzija msemmi f'dak l-Artikolu għandha titqies biżżejjed għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, għandu japplika r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 282/2012 ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 92, 30.3.2012, p. 4.

4. Fil-każ ta' organizzazzjonijiet magħżula msemmija fil-paragrafu 1, l-aġenzija tal-pagamenti tista' taċċetta garanzija bil-miktub minn awtorità pubblika, skont id-dispożizzjonijiet applikati fl-Istati Membri, li tkopri ammont ugwali għall-perċentwali msemmija fil-paragrafu 2, sakemm dik l-awtorità pubblika tintrabat li tħallas l-ammont kopert minn dik il-garanzija fil-każ li d-dritt għall-ħlas bil-quddiem imħallas ma jkunx stabbilit. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll għal strument b'effett ekwivalenti, skont id-dispożizzjonijiet applikati fl-Istati Membri, bil-kundizzjoni li dan jiżgura r-rimborż tal-ħlas bil-quddiem mogħti fil-każ li ma jkunx stabbilit id-dritt għalih.

5. L-ammont totali ta' ħlas bil-quddiem mogħti skont il-paragrafu 2 ma għandux jaqbeż il-75 % tal-ammont totali disponibbli għal kull Stat Membru skont il-punt (a) tal-Anness I.

6. Sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2014, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-ammont totali tal-ħlas bil-quddiem magħmul sal-15 ta' Ottubru 2013 skont il-paragrafu 2 li ma jkunx ġie approvat u li jkun marbut mal-operazzjonijiet li ma jkunux għadhom tlestew.

Dan ir-Regolament għandu japplika fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2012.

Artikolu 6

B'deroga mill-ħames subparagrafu tal-Artikolu 4(3) u mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, għall-pjan ta' tqassim tal-2013, qabel ma jitneħħew iċ-ċereali mill-intervent, il-kuntrattur impenjat li jwettaq l-operazzjoni tal-provvista għandu jirreġistra garanzija li tkun ekwivalenti għal EUR 150 kull tunnellata.

Artikolu 7

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' tqassim annwali msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, id-data tal-avveniment operattiv fil-qofol tat-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 għandha tkun l-1 ta' Ottubru 2012.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

PJAN TA' TQASSIM ANNWALI GĦALL-2013

(a) Ammonti totali tar-riżorsi finanzjarji elenkati għal kull Stat Membru:

(f'EUR)

Stat Membru	Ammont
Il-Belġju	12 020 447
Il-Bulgarija	19 093 054
Ir-Repubblika Ċeka	183 869
L-Estonja	2 421 256
L-Irlanda	2 597 813
Il-Greċja	22 017 677
Spanja	85 618 342
Franza	71 367 188
L-Italja	98 269 856
Il-Latvja	5 208 791
Il-Litwanja	7 866 396
Il-Lussemburgu	171 704
L-Ungerija	13 951 019
Malta	548 475
Il-Polonja	76 924 105
Il-Portugall	19 517 541
Ir-Rumanija	55 880 716
Is-Slovenja	2 588 445
Il-Finlandja	3 753 305
Total	500 000 000

(b) Kwantità għal kull tip ta' prodott li għandha tiġi rtirata mill-ħażniet tal-intevent tal-Unjoni għat-tqassim għal kull Stat Membru fil-limiti stabbiliti fil-punt (a) ta' dan l-Anness:

(f'tunnellati)

Stat Membru	Ċereali
Il-Litwanja	8 832,782
Total	8 832,782

(c) Allokazzjonijiet indikattivi għall-Istati Membri għax-xiri tal-prodotti tal-ikel fis-suq tal-Unjoni fil-limiti stabbiliti fil-punt (a) ta' dan l-Anness:

(f'EUR)

Stat Membru	Ammont
Il-Belġju	11 286 805

(f'EUR)

Stat Membru	Ammont
Il-Bulgarija	17 927 750
Ir-Repubblika Ċeka	172 647
L-Estonja	2 273 480
L-Irlanda	2 439 261
Il-Greċja	20 673 876
Spanja	80 392 810
Franza	67 011 444
L-Italja	92 272 165
Il-Latvja	4 890 884
Il-Litwanja	6 209 748
Il-Lussemburgu	161 224
L-Ungerija	13 099 548
Malta	515 000
Il-Polonja	72 229 206
Il-Portugall	18 326 330
Ir-Rumanija	52 470 156
Is-Slovenja	2 430 465
Il-Finlandja	3 524 230
Total	468 307 029

- (d) Allokazzjonijiet indikattivi għall-Istati Membri għar-rimborż tal-ispejjeż ta' trasferiment fi ħdan l-Unjoni fil-limiti stabbiliti fil-punt (a) ta' dan l-Anness:

(f'EUR)

Stat Membru	Ammont
Il-Litwanja	300 000
Total	300 000

ANNEX II

Trasferimenti taċ-ċereali fi ħdan l-Unjoni awtorizzati skont il-pjan ta' tqassim għas-sena baġitarja 2013:

Kwantità (ftunnellati)	Detentur	Riċevitur
8 832,782	SJV, L-Isvezja	Lietuvos žemės ūkio ir maisto produktų rinkos reguliavimo agentūra. Il-Litwanja